**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 3 ta' Ottubru 2023

Każ Numru: 287/2022

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Ritienne Gauci)

**Vs**

**Owen John Carabott**
(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 567682M)

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Owen John Carabott**, iben Carmel u Jane nee Galea, imwieled Tal-Pietà, nhar il-15 ta' Ottubru 1982, u residenti 93, Triq il-Foss, Paola, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 567682M, akkużat talli nhar il-29 ta' Mejju 2022 għal ħabta tal-erba' nieqes kwart ta' filgħaxija (15:45hrs) minn ġewwa residenza bl-indirizz 12, Sorpion, Triq Hal-Warda, Attard:

1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt wera' dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt u dan billi pprova jikkommetti serq għad-dannu ta' Mary Attard, persuna anzjana, detentriċi ta' karta tal-identità bin-numru 960646M, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali jew indipendenti mill-volontà tiegħu u liema serq

li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tlett mija disa' u għoxrin Ewro u seba' u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna lill-ħati iħallas id-danni ai termini tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà ta' Mary Attard jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tagħha minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skond l-artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża u l-familja tagħha ai termini tal-artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li l-Pulizija Eżekuttiva eżebit estratt mill-att tat-twelid kif ukoll fedina penali ta' Owen John Carabott, talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skond il-liġi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-1 ta' Ġunju 2022 li permezz tagħha ta' il-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja, kif ukoll il-kunsens tal-imputat mogħti waqt is-smiegħ tal-kawża ukoll fl-1 ta' Ġunju 2022.

Rat illi f'dik l-istess seduta wara li l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma ċ-ċitazzjoni, sar l-eżami tal-imputat li wieġeb mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi preseduta.

Rat illi l-partijiet eżentaw lil din il-Qorti mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi ġa prodotti.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2022, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjarat illi ma għandiex aktar provi xi tressaq.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2022, id-difiża ddikjarat li m'għandiex provi xi tressaq.

Rat ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti.

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Ritienne Gauci** xehdet li fid-29 ta' Mejju 2022 għall-ħabta tal-erbgħa neqsin kwart ta' filgħaxija, il-pulizija ta' Birkirkara kienu informati li kien hemm persuna li ppruvat tidħol ġewwa dar f' Ħal-Warda f' Attard. Il-Pulizija marru fuq il-post u nnutaw persuna li kienet qed tħabbat ma' bieb ta' residenza. Peress li dik il-persuna qablet mad-deskrizzjoni li kienet ingħatat lill-Pulizija waqt it-telefonata li daħlet l-għassa, il-pulizija aviċinat lill dik il-persuna, li kien l-imputat Owen John Carabott. Dan stqarr mal-pulizija dak il-ħin li kien għadu kemm ħareġ minn Mount Carmel u kien qed jittallab fit-triq peress li kien *homeless*. L-imputat ġie arrestat, ittieħed il-Klinika tal-Furjana fejn peress li t-tabib irrakkomanda li dan jerġa jmur l-Isptar Monte Karmeli, dan ġie rrilaxxat. Aktar investigazzjonijiet tal-pulizija żvelaw kif il-vittma kienet semgħat il-qanpiena ddoqq darbtejn, kif ukoll taħabit mal-bieb, u peress li l-imputat insista, il-vittma bexxqet il-bieb. Aktar tard wara li l-imputat u l-vittma tkellmu, il-vittma bdiet tibża u l-imputat uża l-forza **billi daħħal saqajh** biex hi ma tagħlaqx il-bieb, però eventwalment din għalqitu. Għaldaqstant l-ispettur ottjeniet Mandat t'arrest li eżegwiet u eventwalment ittieħdet stqarrija tal-imputat wara li ngħatawlu d-drittijiet tiegħu. Waqt il-kontroeżami l-ispettur ikkonfermat li l-vittma qaltilha li hu ried jidħol ġewwa. Fuq suġġeriment tal-avukat difensur li hu kull ma ried kien ewro u nofs (€1.50) għal tal-linja, l-ispettur qalet li l-vittma qatt ma qaltilha hekk. Ġie ssuġġerit lill-ispettur ukoll li dan ipprova jħabbat bieb ieħor u fil-fatt ingħata l-imsemmija flus, biss l-ispettur għalkemm ikkonfermat li sabuħ ma bieb ieħor, ma rrizultaliex li ottjena l-ewro u nofs

(€1.50) jew li kellu dan l-ammont ta' flus fuqu. Anzi hi tgħid li ma kellux flus peress li kieku kienet toħroġ irċevuta.

2. **PC2390 Annmarie Coleiro** xehdet kif wara li fl-għassa ta' Birkirkara kienet daħlet telefonata li fi 12, Triq Ħal Warda, Attard kien hemm xi ħadd qed jipprova jidħol f'residenza, l-Pulizija is-Surgent 981, u l-kuntistabblijiet 748, 335 u hi, marru fuq il-post fejn arrestaw persuna li kienet qed tħabbat ma bieb ieħor u li d-deskrizzjoni tagħha kienet taqbel ma dik tal-persuna li kienet ċemplet l-għassa. Hi, flimkien ma PC748 kellmet lill-vittma, u prattikament ikkonfermat il-verżjoni mogħtija mill-ispettur Ritienne Gauci. Waqt il-kontroeżami hija qalet li l-imputat kien qed jiġbor għal homeless u li kienu tawħ xi ħobż, iżda mhux flus.

3. **PC748 Nathan Ciappara** xehed fuq l-istess linji tal-kuntistabbli Annmarie Coleiro u li l-imputat kien qalilhom *"li-kien għadu kif jitlaq mill-isptar Monte Carmeli u kien qed jittallab xi ikel u flus minħabba li kien homeless"*. Hu ikkonferma li flimkien mal-kuntistabbli Annmarie Coleiro kienu kellmu lill-vittma anzjana Mary Attard li stqarret li għalkemm l-imputat ma weġġagħhiex, kienet tqanqlet biża fiha li kien se jagħmel xi ħaġa u anki iweġġagħha jew jidħol jisraqha.

4. **PS918 Clayton Azzopardi** xehed u kkonferma l-verżjoni mgħotija mix-xhieda l-oħra. Huwa qal li tkellem ma Mary Attard, li kienet persuna anzjana, u qal li kienet imwerwra u taħt xokk qawwi. Hija kienet qaltlu li l-imputat kien ipprova jingannha biex tiftaħlu billi sejħilha 'nann'. Hi fetħet il-bieb ftit, u malli rat li hu ipprova jdaħħal saqajħ hi għamlet is-saħħa biex tagħlaq il-bieb u irnexxiela. B' reazzjoni għal dan l-imputat għajjara *"annimala"*. Is-surġent jgħid li hu arresta lill-imputat u ħadu l-għassa Birkirkara wara li sema l-verżjoni ta' Mary Attard. Fil-kontroeżami tiegħu hu jikkonferma li kienu diġà fit-triq meta daħlet l-informazzjoni u għalhekk saqu bis-sirena u ikkalkula li sakemm waslu fuq il-post wara t-telefonata għaddew xi ħames minuti. Hu ikkonferma li tkellem kemm mal-imputat kif ukoll mal-vittma Mary Attard, u l-kuntistabblijiet meta tkellmu ma Mary Attard dan għamluh aktar tard biex jieħdu l-verżjoni tagħha bil-miktub f'iktar dettall u biex tiffirma. Is-surġent jgħid li Mary Attard ma qaltlux li pprova jitlobha xi flus imma li pprova jidħlilha ġewwa.

5. **Mary Attard** xehdet kif dak inhar tal-inċident xi t-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar l-imputat kien ħabbat il-bieb u beda jgħidilha *"jiena nann"*. Hi tgħid li ndunat li ma kienx neputi. Mil-keyhole ma setgħetx tikkonferma għax kellu xahru imniżżel. Hi tgħid li beda jgħajjat *"iftaħ nann ejja iftaħ nann"* u hi bexxqet il-bieb u hu qalla li ried jixrob, jiekol, u ried il-flus. Hi imbgħad tgħid li użat is-saħħa b' ida u b' ġembha biex tagħlaq il-bieb u l-imputat inqarsitlu saqajh li kienet *"taħt it-tarġa"* u beda jgħajjat u għalqet il-bieb. Hi ċemplet immedjatament lill-pulizija. Mistoqsija għalfejn kienet imwerwra, ix-xhud tgħid li billi l-imputat *"jitolbok xi ħaġa, ittiħ imma li jimbuttalek il-bieb biex jidħol ġewwa ..."*. Tgħid li kellu l-maskra. Fil-kontroeżami tispeċifika li mhux ħabbat darba imma ċempel u ħabbat kemm il-darba. Iżżid li beda jidgħi għax hi imbottat il-bieb u ħaditlu saqajh.

Il-Qorti rat ukoll li d-difiża waqt is-seduta tat-28 ta' Lulju 2022 eżentat lil-Prosekuzzjoni mix-xhieda dwar il-volontarjeta tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat.

In sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, id-Difiża filwaqt li għamlet diversi kontro-eżamijiet lix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni għażlet li ma tressaq l-ebda prova. L-imputat għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri **u dana hekk kif huwa kellu kull dritt li jagħmel.**

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju raġjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u

tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raġuni"*.

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt":*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Din il-Qorti ikkunsidrat il-fatt li għalkemm Mary Attard, il-vittma f'dan il-każ, kienet l-unika persuna fuq il-post waqt l-inċident, apparti ovvjament l-imputat, biss il-verżjoni tagħha hija konsistenti, u hija kkorraborata bix-xhieda tal-Pulizija li hadulha l-verżjoni ftit wara l-inċident. Din il-verżjoni tikkombaċi mal-fatt li l-imputat instab fl-istess triq iħabbat bibien oħra, u d-dettalja mogħtija minnhu ma jikkontrastawx ma dawk li tirrakkonta ix-xhud waqt ix-xhieda tagħha. Barra minn hekk din il-Qorti ikkunsidrat il-fatt li d-Difiża ma ġabet l-ebda prova biex tikkontradixxi dik tal-Prosekuzzjoni. Id-Difiża fil-fatt tibbaża il-każ tagħha fuq il-kontro-eżamijiet tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni u fuq il-fatt li hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha sal-grad kif imsemmi aktar il-fuq. Din il-Qorti fil-fatt m'għandiex dubbju mil-verżjoni mogħtija mil-vittma. Li trid tara din il-Qorti issa hu jekk dak li tgħid il-vittma jinkwadrax u jissodisfax l-elementi tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat.

2. **L- imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat Owen John Carabott:**

*"Bil-ħsieb li jagħmel delitt wera' dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt u dan billi pprova jikkommetti serq għad-dannu ta' Mary Attard, persuna anzjana, detentriċi ta' karta tal-identità bin-numru 960646M, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali jew indipendenti mill-volontà tiegħu u liema serq li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tlett mija disa' u għoxrin Ewro u seba' u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok."*

**L-attentat** – L-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddefinixxi r-reat tal-attentat bħala:

> *"41.(1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel delitt juri dan il-ħsieb b'atti esterni u jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, jeħel, meta jinsab ħati, barra minn meta l-liġi tgħid espressament xort'oħra, -*
> *(a) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-ħati, il-piena stabbilita għad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew żewġ gradi;*
> *..."*

Il-Professur Anthony Mamo jgħid: *"three elements are essential to constitute a criminal attempt, that is to say –*

*1. an overt act manifesting the intent to commit a crime;*
*2. a commencement of the execution of the crime; and*
*3. the non-completion of the crime by reason of accidental circumstances, independent of the will of the offender".*

Il-Qorti sejra tanalizża l-akkadut sabiex tiddetermina jekk dawn it-tlett elementi ġewx sodisfatti.

L-ewwel element jirriżulta ampjament ppruvat bil-fatt li l-imputat issokta bil-bidu għal pjan tiegħu billi ċempel u ħabbat b'insistenza, saħansitra bl-ingann, il-bieb ta' l-anzjana Mary Attard. Il-fatt li huwa kien jaf li ġewwa din id-dar toqgħod anzjana, peress li skont l-istess anzjana Mary Attard hu sejħilha *'nann'*, ma jeskludix li l-imputat kien fil-fatt studja u pprepara sew il-pjan tiegħu.

Din il-Qorti ma taqbilx mat-teżi tad-difiża li l-imputat sempliċiment kien qed jittallab għal-ewro u nofs biex jaqbad tal-linja. Kieku kien hekk, ma kienx ikollu għalfejn jipprova jaċċedi għal fond ta' Mary Attard billi jingannha li hu kien wieħed min-neputijiet tagħha. F'pajjiżna nsibu l-kultura fejn persuni jduru bieb, bieb jitolbu u jiġbru għal xi kawża, u normalment dawn ikunu qed jirrappreżentaw xi moviment jew entita rikonoxxuta. Hekk fil-fatt nies iduru biex jiġbru għal-armar tal-festi, għal-logħob tan-nar, għal nies fil-bżonn u raġunijiet oħra. Biss dawn jidentifikaw irwieħhom. Kieku l-imputat kien onest, u waqaf hemm, sempliċiment ħabbat b'kordjaleta u talab xi ħaġa, ċertament li din il-Qorti ma kinitx se ssib ħtija fl-imputat. Biss iċ-ċirkostanzi u l-provi tal-Prosekuzzjoni jindikaw xorta oħra.

Din il-Qorti sejra tgħaddi għat-tieni element billi tiċċita sentenza, f'każ simili għal dan tal-lum deċiż fit-22 ta' Frar 1993 mil-**Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Nazzareno sive Reno Zarb**. Il-Qorti preseduta mill-Onor. Imhallef Carmel A. Agius irriteniet:

> *"Il-kompitu ta' din il-Qorti effettivament jirrisolvi ruhu fl-ezercizzju li trid tiddeciedi jekk l-agir ta' l-imputat kienx jammonta jew le ghall-bidu ta' l-esekuzzjoni tad-delitt. Din il-Qorti hi tal-fehma illi sakemm l-imputat baqa' jhabbat biss fuq il-bieb u jcempel il-qanpiena, jista' jkun li kien ikun hemm dubbju dwar jekk sa dak l-istadju biss kienux jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi biex ikun hemm it-tentattiv tas-serq, u din il-Qorti hija propensa li tghid li f'dawk ic-cirkostanzi kienet issibha difficli biex tasal ghal konkluzjoni li kien jissussisti t-tentattiv. Pero l-imputat mar oltre billi wara illi cempel il-qanpiena diversi drabi u anke habbat u sabbat mal-bieb tad-dar imsemmija, huwa mar jipprova jisforza biex jiftah it-tieqa u kien f'dan il-mument illi lemah u gie identifikat minn Adriana Debono. Fil-fehma ta' din il-Qorti malli l-imputat mess it-tieqa, ma setax ikun hemm aktar dubbju li kien oltrepassa l-fruntiera li tifred l-atti preparatorji minn dawk li jaghtu bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt. F'dan il-kaz, it-tbaghbis mat-tieqa kien certament fatt li jikkostitwixxi fih innifsu bidu ta' l-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ma ġiex ezegwit minhabb l-accidentalita tal-fatt li inzerta li kien hemm god-dar wara l-istess tieqa Adriana Debono, li malli raha, l-imputat harab."*

F'dan il-każ l-imputat ipprova jaċċedi għal fond bl-ingann dwar l-identita' tiegħu, liema fatt waħdu din il-Qorti tqis bħala suffiċjenti biex biha ta' bidu għal eżekuzzjoni tad-delitt li ġie akkużat bl-attentat tiegħu. Biss il-fatt li hu ulterjorment uża l-forza billi malli

tbexxaq il-bieb hu daħħal saqajħ biex il-bieb ma jingħalaqx, ikompli jsaħħaħ it-teżi tal-Prosekuzzjoni u l-konvinċiment tal-Qorti li dak li għamel l-imputat għamlu b' intenzjoni preċiża, jiġifieri biex jaċċedi għal fond minn fejn hu seta jkompli bil-kommissjoni tar-reat tas-serq.

Id-Difiża tisħaq li l-imputat kull ma ried kien li jiġbor ewro u nofs biex ikun jista jaqbad tal-linja. Din il-Qorti tħoss li din il-possibilta hija waħda remota peress li kif tgħid tajjeb il-prosekuzzjoni fit-trattazzjoni orali finali tal-każ, it-Triq li fiha nstab l-imputat hija l-bogħod minn fejn l-imputat kellu jaqbad tal-linja, kif ukoll minn fejn kien għadu ġej l-imputat, jiġifieri mill-Isptar Monte Karmeli.

Hekk fil-każ ċitat dik il-Qorti tal-Appell tkompli tgħid li t-teżi tad-Difiża li n-nuqqas ta provi oħra li jindikaw x'kienet l-intenzjoni tal-imputat, joħloq dak id-dubbju li jdajjef il-każ jew il-konvinċiment tal-Ġudikant, ma jreġux:

> *"Ic-cirkostanzi f'dan il-kaz jitkellmu wahedhom. Huwa inutli illi l-imputat jissottometti illi l-istess cirkostanzi huma tali illi minnhom m'ghandux jigi dedott l-intenzjoni tieghu kienet li jisraq. M'hemm assolutament xejn aktar fil-process li jista' jaghti hjiel jew l-icken indikazzjoni li seta kien hemm xi intenzjoni ohra ..."*

Dwar il-bidu tal-att eżekuzzjoni tar-reat l-awtur **Francesco Antolisei (Antolisei, F., op. cit. pp. 421-422)** jgħid hekk:

> "Con molta dottrina e con mirabile chiarezza l'insigne penalista ha sostenuto che l'atto esecutivo si ha quando il mezzo o, meglio, l'energia destinata a produrre l'offesa inerenti al reato, e` messa in opera secondo la sua natura o destinazione. Il giudice, col sussidio dell'esperienza, deve trarre l'idea e i caratteri dell'azione che e` "propria" di ciascun delitto della relativa fattispecie e, quindi, cogliere il momento dinamico che dell'azione stessa esprime l' "inizio" e pone in essere l'atto esecutivo."

Kien biss il-fatt li l-vittma Mary Attard intebħet b'dak li kien se jiġri, u b'ħeffa reġgħet għalqet il-bieb b'saħħitha kollha – ***b'idejha u b'ġembha*** – li waqqaf lill-imputat milli jkompli bil-pjan tiegħu, u fil proċess *'qarset'* sieq l-imputat li fil-fehma ta' din il-Qorti ħasad, u possibbilment weġġa xi naqra' lill-imputat liema ċirkostanzi wasslu biex il-

vittma setgħet tagħlaq il-bieb u tegħleb is-saħħa tal-imputat, persuna ta’ saħħa ferm akbar minn tal-vittma anzjana.

Dwar l-aggravji tas-serq, il-Qorti ikkunsidrat li l-prosekuzzjoni naqset milli ġġib prova dwar il-valur tal-oġġetti. Mil-banda l-oħra l-aggravju dwar il-lok jirriżulta ppruvat, u għaldaqstant din il-Qorti tinsab konvinta li dan jissussisti.

Illi għalhekk il-Qorti hija sodisfatta li ‘l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat Owen John Carabott huwa ħati ta’ din l-imputazzjoni.

## C. Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Għall-fini tal-piena l-Qorti ikkunsidrat li l-imputat għandu fedina penali mżewwaq, u li diġà ingħata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruħu, u li huwa diġà kien soġġett għal ordni ta’ trattament taħt l-artikolu 412D, biss jidher li l-imputat ma rriformax ruħu.

## D. Konklużjoni

Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 20, 31, 41(1)(a), 261(e), 269(g), 281(a) u 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal piena ta’ sitt (6) xhur priġunerija effettiva li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-każ.

In oltre ai termini ta’ l-Artikolu 382A tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta’ Trażżin għaf-favur ta’ Mary Attard, detentriċi ta' karta tal-identità bin-numru 960646M, u dan għal perijodu ta’ tlett (3) snin li jibda għaddej mid-data ta’ l-iskadenza tal-piena hawn inflitta, u dan taħt il-kondizzjonijiet segwenti:

Taħt din l-Ordni ta’ Trażżin il-ħati qed jiġi pprojbit milli javviċina jew b’xi mod isegwi l-movimenti ta’ Mary Attard, detentriċi ta' karta tal-identità bin-numru 960646M; jew

jaċċedi ġewwa fond fejn il-persuna protetta tgħix, tiffrekwenta jew tirrisjedi; jew jikkuntattja direttament jew indirettament jew jimmolesta lill-persuna protetta.

Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu f'din l-Ordni huwa jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni ta' din l-Ordni

Il-Qorti tordna li din is-sentenza u l-Ordni tiġi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**
**Josanne Gauci**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**

**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 3 ta' Ottubru 2023

Każ Numru: 287/2022

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Ritienne Gauci)
**Vs**
**Owen John Carabott**
(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 567682M)

**Il-Qorti:-**
Qegħda tqis li jkun espedjenti li bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni hawn isfel indikati, tagħmel Ordni ta' Trażżin ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta taħt il-kundizzjonijiet t'hawn taħt:

1. L-Ordni hija għall-perjodu ta' tlett (3) snin;
2. Il-ħati qed jiġi pprojibit milli:
    a. javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Mary Attard, detentriċi ta' karta tal-identità bin-numru 960646M;
    b. jaċċedi ġewwa fond fejn il-persuna protetta tgħix, tiffrekwenta jew tirrisjedi;
    c. jikkuntattja direttament jew indirettament jew jimmolesta lill-persuna protetta.
3. Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu f'din l-Ordni huwa jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.
4. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li dan id-digriet jiġi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Kevan Azzopardi** | **Josanne Gauci** | **Owen John Carabott** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** | **KI: 567682M** |